



Brussell, 13 ta' Lulju 2022  
(OR. en)

**11329/22**

**ENV 745  
MAR 146  
RECH 441  
RELEX 1010  
ONU 103**

### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn: Is-Segretarju Ĝeneralni tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 12 ta' Lulju 2022

lil: Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill

Nru dok. Cion: COM(2022) 342 final

Suġġett: Rakkomandazzjoni għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftyū tan-negozjati f'isem l-Unioni Ewropea għal ftehim internazzjonali dwar it-tnejx mill-plastik

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 342 final.

---

Mehmuż: COM(2022) 342 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 12.7.2022  
COM(2022) 342 final

Rakkomandazzjoni għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**li tawtorizza l-ftuħ tan-negożjati f'isem l-Unjoni Ewropea għal ftehim internazzjonali  
dwar it-tniġġis mill-plastik**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **• Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Ir-Riżoluzzjoni 5/14 “Daqshekk tniġġis mill-plastik: Lejn strument internazzjonali legalment vinkolanti”<sup>1</sup>, adottata mill-Assemblea tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEA) f’Marzu 2022, tistabbilixxi mandat għal negozjati minn Kumitat Intergovernattiv tan-Negozjar (INC) ta’ strument internazzjonali legalment vinkolanti dwar it-tniġġis mill-plastik, inkluż fl-ambjent tal-baħar. L-INC huwa mistenni li jikkonkludi l-ħidma tiegħu sal-aħħar tal-2024, bl-ewwel laqgħa ssir fl-2022. L-UNEA tista’ testendi ż-żmien għal dan il-mandat, jekk ikun meħtieġ.

Ir-Riżoluzzjoni 5/14 ġiet adottata wara serje ta’ riżoluzzjonijiet tal-UNEA mill-2014, bl-UNEA3 tirrappreżenta pass importanti ewljeni fejn Stati Membri tan-NU appoġġaw għadd ta’ azzjonijiet biex jeliminaw ir-rilaxx tal-iskart tal-plastik u l-mikroplastiks fl-oċean u l-istabbiliment ta’ grupp ta’ esperti *ad hoc* miftuħ dwar l-iskart tal-baħar u l-mikroplastiks (AHEG) biex jesplora l-ostakli għall-ġlieda kontra l-iskart tal-baħar u l-mikroplastiks. L-AHEG ikkonkluda l-ħidma tiegħu fl-2020. Identifika għadd ta’ għażiż li reazzjoni għall-kriżi globali tat-tniġġis mill-plastik, inkluż ftehim globali dwar il-plastik, appoġġat mill-maġġoranza tal-parteċipanti tal-grupp ta’ esperti, li jirrappreżenta kważi lir-reġjuni kollha. F’Ottubru 2021, ġie ppubblikat ir-rapport tan-NU “From Pollution to Solution: a Global Assessment of Marine Litter and Plastic Pollution”<sup>2</sup> sabiex jinforma lill-UNEA 5.2 dwar il-firxa u l-aspetti tal-iskart fil-baħar u t-tniġġis mill-plastik fil-livell globali.

Wara laqgħa ospitata mill-Kummissjoni Ewropea fl-2020 fejn ġew espressi fehmiet simili, il-Peru u r-Rwanda ħejjew riżoluzzjoni bl-objettiv li jniedu negozjati għal ftehim internazzjonali ġdid dwar it-tniġġis mill-plastik fl-UNEA5. Diversi avvenimenti internazzjonali, fosthom Konferenza Ministerjali dwar l-Iskart fil-Baħar u t-Tniġġis mill-Plastik ospitata mill-Ġermanja, l-Ekwador, il-Vjetnam u l-Ghana fl-2021, ikkontribwew għall-bini tal-momentum għar-riżoluzzjoni u fl-aħħar mill-aħħar mill-aħħar irriżultaw fl-adozzjoni finali tar-riżoluzzjoni b’kunsens.

L-objettiv ta’ din ir-Rakkmandazzjoni huwa li tiżgura pożizzjoni ta’ negozjar konsistenti u effiċċienti tal-Unjoni Ewropea (UE) fis-sessjonijiet tal-INC, bil-ġhan li jiġi nnegozjat u konkuż strument internazzjonali legalment vinkolanti dwar it-tniġġis mill-plastik.

#### **• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta’ politika**

It-tnedija ta’ negozjati għal ftehim internazzjonali dwar il-plastik hija kisba ewlenja tal-Patt Ekoloġiku u tal-Pjan ta’ Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari<sup>3</sup> tal-Unjoni Ewropea u hija marbuta ma’ għadd sinifikanti ta’ politiki u leġiżlazzjoni tal-UE inkluż dwar il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar u l-kosta, b’mod partikolari d-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġja Marina (MSFD)<sup>4</sup>. L-iżgurar ta’ ftehim internazzjonali dwar il-plastik li jindirizza t-tniġġis mill-plastik fis-sors tiegħu minflok ma jinvolvi soluzzjonijiet għaljin u mhux kompletament effettivi fi

<sup>1</sup> UNEP/EA.5/Res.14.

<sup>2</sup> <https://www.unep.org/resources/pollution-solution-global-assessment-marine-litter-and-plastic-pollution>.

<sup>3</sup> [https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip\\_22\\_1466](https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_22_1466).

<sup>4</sup> Id-Direttiva 2008/56/KE, l-ewwel strument li introduċa r-rekwiżit legali biex jitnaqqas l-iskart fil-baħar u l-impatti tiegħu

tmiem il-katina kien għalhekk prioritā ambjentali ewlenja tal-Unjoni għal azzjoni globali matul dawn l-aħħar ftit snin.

Din irriżultat minn inizjattivi ta' politika u leġiżlazzjoni tal-Unjoni ddedikati u progressivi dwar il-plastik f'dawn l-aħħar snin<sup>5</sup>. Fl-2018, Strateġija dwar il-Plastik<sup>6</sup>, li tifforma parti mill-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari<sup>7</sup>, stabbiliet pjan direzzjonali għall-protezzjoni tal-ambjent tagħna u t-tnaqqis tal-iskart fil-baħar, l-emissionijiet tal-gassijiet serra u ddipendenza tagħna fuq il-fjuwils fossili importati.<sup>8</sup> Azzjoni konkreta dwar il-plastik tinkludi l-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent<sup>9</sup>, il-plastik li jintuża darba<sup>10</sup>, ir-rwol tal-plastik fl-ekonomija ċirkolari<sup>11</sup>, ir-rekwiżiti tal-ekodisinn u t-tikkettar<sup>12</sup>, il-plastik u l-iskart mill-imballaġġ<sup>13</sup> u l-inizjattivi futuri dwar il-mikroplastiks miżjudin intenzjonalment u

<sup>5</sup> [https://ec.europa.eu/environment/topics/plastics\\_mt](https://ec.europa.eu/environment/topics/plastics_mt)

<sup>6</sup> [https://environment.ec.europa.eu/strategy/plastics-strategy\\_mt?etrans=hr](https://environment.ec.europa.eu/strategy/plastics-strategy_mt?etrans=hr)

<sup>7</sup> Ara: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52020DC0098&from=EN>

<sup>8</sup> Ara: [https://ec.europa.eu/environment/strategy/plastics-strategy\\_mt](https://ec.europa.eu/environment/strategy/plastics-strategy_mt).

<sup>9</sup> Pereżempju: [Id-Direttiva \(UE\) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent \(Test b'rilevanza għaż-ŻEE\)](#)

[Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni \(UE\) 2020/2151 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi regoli dwar l-ispeċifikazzjonijiet armonizzati ta' mmarkar għall-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkti fil-Parti D tal-Anness tad-Direttiva \(UE\) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent \(Test b'rilevanza għaż-ŻEE\)](#)

[Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni \(UE\) 2019/1268 tat-3 ta' Lulju 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta bl-isem “Ejjew intemmu l-era tal-plastik fl-Ewropa” \(notifikata bid-dokument C\(2019\) 4974\)](#)

<sup>10</sup> Pereżempju: [Id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni \(UE\) 2022/162 tal-4 ta' Frar 2022 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva \(UE\) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kalkolu, il-verifikasi u r-rapportar dwar it-tnaqqis fil-konsum ta' ċerti prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u l-miżuri meħuda mill-Istati Membri biex jiksbu t-tali tnaqqis \(Test b'rilevanza għaż-ŻEE\)](#)

[Id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni \(UE\) 2021/1752 tal-1 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva \(UE\) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kalkolu, tal-verifikasi u tar-rapportar tad-data dwar il-ġbir separat tal-iskart ta' fliexken tax-xorb tal-plastik li jintużaw darba biss](#)

<sup>11</sup> Pereżempju: [Id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni \(UE\) 2021/1384 tat-13 ta' Awwissu 2021 dwar it-talba għar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “ReturnthePlastics:Inizjattiva taċ-Ċittadini biex tiġi implementata sistema ta' depożitu fl-UE kollha sabiex jiġu riċiklati l-fliexken tal-plastik” skont ir-Regolament \(UE\) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill \(notifikata bid-dokument C\(2021\) 5953\) \(It-test Ingliż biss huwa awtentiku\)](#)

<sup>12</sup> [Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija \(Test b'rilevanza għaż-ŻEE\)](#)

[Ir-Regolament \(UE\) 2020/740 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020 dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri oħra, li jemenda r-Regolament \(UE\) 2017/1369 u li jħassar ir-Regolament \(KE\) Nru 1222/2009 \(Test b'rilevanza għaż-ŻEE\)](#)

<sup>13</sup> Pereżempju: [2009/292/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Marzu 2009 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għal deroga għall-kaxex tal-plastik u paliti tal-plastik fejn għandhom x'jaqsmu l-livelli ta' konċentrazzjoni tal-metalli tqal stabbiliti fid-Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ \(notifikata taħt id-dokument numru C\(2009\) 1959\) \(Test b'rilevanza għaż-ŻEE\)](#)

rilaxxati mhux intenzjonalment<sup>14</sup>. L-Istrateġija analizzat ukoll il-potenzjal għall-isfruttament tal-azzjoni globali, filwaqt li identifikat il-ħtieġa (*inter alia*) li jiġu żviluppatti standards internazzjonali biex tingħata spinta lill-fiduċja tal-industrija fil-kwalità tal-plastik riċiklabbli jew riċiklat. Fir-rigward tal-vjeġġi tal-iskart, hija nnotat l-importanza li jiġi żgurat li kwalunkwe plastik mibgħut f'pajjiżi oħra għar-riċiklaġġ jiġi ttrattat u pproċessat f'kundizzjonijiet simili għal dawk applikabbi fl-UE, b'appoġġ għall-azzjoni dwar il-ġestjoni tal-iskart skont il-Konvenzjoni ta' Basel, u pproponiet l-iżvilupp ta' skema ta' ċertifikazzjoni tal-UE għall-impjanti tar-riċiklaġġ. Talbet sforz globali mill-industrija biex jiġi promoss l-użu mifrux tal-plastik riċiklabbli u riċiklat.

Fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari, il-Kummissjoni se tiproponi wkoll rekwiżiti obbligatorji għall-kontenut riċiklat u miżuri għat-tnejha tal-iskart għal prodotti ewlenin bħall-imballaġġ, il-materjali tal-kostruzzjoni u l-vetturi.

Skont l-MSFD imsemmija hawn fuq, f'Settembru 2020<sup>15</sup> l-UE u l-Istati Membri tagħha qablu li ma għandux ikun hemm aktar minn 20 oġġett ta' skart għal kull 100 metru ta' kosta, u dan iqiegħed lill-UE f'pożizzjoni ewlenija biex tissodisfa l-SDG 14.1, li jeħtieġ li "Sal-2025, jiġi evitat u jitnaqqas b'mod sinifikanti t-tnejha (....) inkluż il-materjal skartat fil-baħar (...)" . L-attivitajiet ta' appoġġ li jirfdi l-implimentazzjoni tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD) tal-UE, imwettqa f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Konvenzjoni jiet dwar il-Baħar Regionali, urew li l-armonizzazzjoni tal-monitoraġġ, l-akkwist u l-immaniġġjar tad-data fil-matriċijiet ambientali differenti hija kruċjali biex tkun tista' ssir il-prioritizzazzjoni tal-isforzi u l-verifikasi tal-effettività tal-miżuri kontra l-iskart tal-plastik.

[1999/177/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Frar 1999 li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għal deroga għall-kaxex tal-plastik u paliti tal-plastik fejn għandhom x'jaqsmu l-livelli ta' konċentrazzjoni tal-metalli tqal stabbiliti fid-Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ \(notifikata taħt id-dokument numru C\(1999\) 246\) \(Test b'rilevanza għaż-ŻEE\)](#)

[Id-Direttiva \(UE\) 2015/720 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 li temenda d-Direttiva 94/62/KE rigward it-tnejha tal-konsum tal-basktijiet tal-plastik hifief \(Test b'rilevanza għaż-ŻEE\)](#)

[Ir-Regolament tal-Kunsill \(UE, Euratom\) 2021/770 tat-30 ta' April 2021 dwar il-kalkolu tar-riżorsa propria bbażata fuq l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ li mhux qed jiġi riċiklat, dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex titqiegħed għad-dispożizzjoni dik ir-riżorsa propria, fuq il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġjiet fi flus kontanti, u fuq ċerti aspetti tar-riżorsa propria bbażata fuq id-dħul nazzjonali gross](#)

[Id-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni \(UE\) 2018/896 tad-19 ta' Ġunju 2018 li tistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu tal-konsum annwali ta' basktijiet tal-plastik hifief u li temenda d-Deċiżjoni 2005/270/KE \(notifikata bid-dokument C\(2018\) 3736\) \(Test b'rilevanza għaż-ŻEE.\)](#)

[Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL dwar il-metodi u l-proċedura għad-disponibbiltà tar-Riżorsi Propriji bbażati fuq Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporativa, fuq l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjoni jiet tal-Unjoni Ewropea u fuq l-Iskart tal-plastik mill-imballaġġ li mhux qed jiġi riċiklat, u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġjiet fi flus kontanti](#)

[Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ biex tnejha il-konsum tal-basktijiet tal-plastik hifief](#)

[Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Awwissu 2021 dwar l-istabbiliment ta' grupp ta' esperti tal-Kummissjoni dwar l-istatistika dwar l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik 2021/C 324/05](#)

<sup>14</sup> Ara: [https://ec.europa.eu/environment/topics/plastics/microplastics\\_mt](https://ec.europa.eu/environment/topics/plastics/microplastics_mt). Dan huwa parzialment marbut ma' ċerta leġiżlazzjoni tal-Unjoni, b'mod partikolari d-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina. Għall-mikroplastiks użati intenzjonalment, għaddej proċess ta' restrizzjoni tar-REACH: <https://echa.europa.eu/hot-topics/microplastics>.

<sup>15</sup> [https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/mex\\_20\\_1696](https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/mex_20_1696)

Skont l-Istrateġija ta' Implantazzjoni Komuni tal-MSFD, il-Grupp Tekniku dwar l-Iskart fil-Baħar<sup>16</sup>, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Konvenzionijiet dwar il-Baħar Reġjonali, qiegħed jipprovdi armonizzazzjoni teknika u qiegħed jikkollabora mal-EMODnet, billi jipprovdi pjattaforma ta' *data għad-data* dwar l-iskart fil-baħar<sup>17</sup>.

Il-ftehim internazzjonali l-ġdid se jindirizza t-tniġġis mill-plastik, inkluż fl-ambjent tal-baħar. It-tniġġis u l-indirizzar tas-sorsi tiegħu huma wkoll priorità ewlenja tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-aktar reċenti fl-istratgeġja tal-Kummissjoni dwar Tniġġis Żero għall-arja, għall-ilma u għall-ħamrija u l-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà. Il-Pjan ta' Azzjoni għal Tniġġis Żero adottat reċentement stabbilixxa miri ta' tnaqqis għall-2030 (jigħiġi biex jitnaqqas l-iskart tal-plastik fil-baħar b'50 % u l-mikroplastiks rilaxxati fl-ambjent bi 30 %), biex ta spinta ulterjuri lill-effettivitā tal-politiki tal-UE kontra l-iskart fil-baħar u l-impatti tiegħu. Għalhekk, l-indirizzar tat-tniġġis mill-plastik fil-livell globali huwa marbut ħafna ma' bosta politiki u leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni relatati mal-protezzjoni tal-ambjent mit-tniġġis. Dan jista' jinkludi skart<sup>18</sup>, vjeġġi ta' skart<sup>19</sup>, sustanzi kimiċi<sup>20</sup>, ilma

<sup>16</sup> [https://mcc.jrc.ec.europa.eu/main/dev.py?N=41&O=434&titer\\_page=&titer\\_chap=TG%20Litter](https://mcc.jrc.ec.europa.eu/main/dev.py?N=41&O=434&titer_page=&titer_chap=TG%20Litter)

<sup>17</sup> <https://www.emodnet-chemistry.eu/marinelitter>

<sup>18</sup> [Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill \(KE\) Nru 2150/2002 tal-25 ta' Novembru 2002 dwar l-istatistika ta' l-iskart \(Test b'rilevanza għaż-ŻEE\)](#)

[Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi \(Test b'rilevanza għaż-ŻEE\)](#)

[Id-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 4 ta' Lulju 2012 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku \(WEEE\) Test b'rilevanza għaż-ŻEE](#)

[Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ](#)

<sup>19</sup> Pereżempju: [Ir-Regolament \(KE\) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart](#)

[Id-Direttiva \(UE\) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-konsenja ta' skart minn bastimenti, li temenda d-Direttiva 2010/65/UE u li tħassar id-Direttiva 2000/59/KE \(Test b'rilevanza għaż-ŻEE\)](#)

<sup>20</sup> Pereżempju: [Ir-Regolament \(KE\) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi \(REACH\), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament \(KEE\) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament \(KE\) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni](#)

[Ir-Regolament \(KE\) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 18 ta' Jannar 2006 dwar il-ħolqien ta' Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/689/KEE u 96/61/KE \(Test b'rilevanza għaż-ŻEE\)](#)

[90/437/EEC:Rakkmandazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Ġunju 1990 dwar it-naqqis tal-klorofluworokarburi użati mill-industria Komunitarja tal-plastik tal-fowm \[Mhux disponibbli bil-Malti\]](#)

[Ir-Regolament tal-Kummissjoni \(UE\) Nru 284/2011 tat-22 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet spċifici u proċeduri ddettaljati għall-importazzjoni ta' oġġetti tal-kċina magħmulin mill-plastiċi poliammid u melammina li jorġiñaw jew li jintbagħtu mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u mir-Reġjun Speċjali Amministrattiv ta' Hong Kong, iċ-Ċina](#)

[Ir-Regolament tal-Kummissjoni \(UE\) 2018/2005 tas-17 ta' Diċembru 2018 li jemenda l-Anness XVII tar-Regolament \(KE\) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-](#)

għall-ġħawm<sup>21</sup>, u oħrajn (bħad-Direttivi Qafas dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi u tal-Ilma)<sup>22</sup>.

L-UE tikkontribwixxi sostanzjalment għal inizjattivi internazzjonali relatati direttament mat-tnaqqis tat-tniġġis mill-plastik, bħall-implementazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Basel dwar il-vjeġġi transfruntiera tal-iskart, kif emendata reċementement b'kontrolli msahħha fuq l-iskart tal-plastik,<sup>23</sup> u l-Pjan ta' Azzjoni tal-IMO (Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali) kontra l-iskart tal-plastik u l-mikroplastiks. Barra minn hekk, l-UE tipparteċipa b'mod attiv fl-azzjonijiet kollha kontra t-tniġġis mill-plastik fir-reġjuni tal-baħar madwar l-Ewropa (permezz ta' appoġġ tekniku u finanzjarju għall-pjanijiet ta' Azzjoni Regionali fil-Mediterran, fil-Baħar l-Iswed, fil-Baltiku u fil-Grigal tal-Atlantiku) u mas-sħab tagħha tal-G7 u tal-G20. L-UE kosponsorja ukoll inizjattiva fid-WTO li tindirizza t-tniġġis mill-plastik u l-kummerċ sostenibbli tal-plastik.

Il-plastik u t-tniġġis tiegħu jidħlu f'ferm iktar mill-kunsiderazzjonijiet tal-politika ambjentali. It-taqsim ta' hawn taħt tistabbilixxi r-rilevanza trasversali tiegħu għal politiki diversi fil-kompetenza tal-Unjoni.

- Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Ir-Rakkomandazzjoni proposta hija konsistenti wkoll ma' politiki u leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, bħal dwar:

- is-sahħha, b'mod speċifiku dawk il-politiki u l-azzjonijiet rigward materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel<sup>24</sup>, il-politiki tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar u kostali,

---

awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) fir-rigward tal-bis(2-etileksil) ftalat (DEHP), tal-ftalat tad-dibutil (DBP), tal-benżil-butil-ftalat (BBP) u tal-ftalat tad-diisobutil (DIBP) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1272/2013 tas- 6 ta' Diċembru 2013 li jemenda l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi ("REACH") fir-rigward tal-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi Test b'rilevanza għaż-ŻEE

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/293 tal-1 ta' Marzu 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pollutanti organiċi persistenti fejn jidħol l-Anness I (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 848/2012 tad-19 ta' Settembru 2012 li jemenda l-Anness XVII għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi ("REACH") fir-rigward tal-komposti tal-fenilmerkurju Test b'rilevanza għaż-ŻEE

<sup>21</sup> Id-Direttiva 2006/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar l-immaniġġar tal-kwalità tal-ilma għall-ġħawm u li tħassar id-Direttiva 76/160/KEE

<sup>22</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A31991L0271>

<sup>23</sup> L-erbatax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Basel fl-2019 adottat emendi bl-objettivi li jissaħħa il-kontroll tal-movimenti transfruntiera tal-iskart tal-plastik.

<sup>24</sup> Pereżempju r-Regolament (KE) Nru 1935/2004 dwar materjali maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel; Ir-Regolament (UE) Nru 10/2011 dwar oġġetti tal-plastik maħsuba li jiġu f'kuntatt mal-ikel; Ir-Regolament (KE) Nru 282/2008 dwar materjali u oġġetti tal-plastik riċiklat (mistenni li jiġi sostitwit fi Q4 2022)

- il-faċilitajiet tal-akkoljenza tal-portijiet<sup>25</sup>,
- Tassonomija tal-Finanzi Sostenibbli tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tal-kriterji "la tagħmlx ħsara serja" għall-imballaġġ tal-plastik u għal prodotti oħra tal-plastik,
- L-iżvilupp futur tal-kriterji tal-Ekodisinn inkluż għall-imballaġġ u prodotti oħra tal-plastik imqiegħda fis-Suq Uniku tal-UE,
- Ir-reviżjoni proposta tar-Regolament dwar il-Vjeġġi ta' Skart,
- Il-Konvenzionijiet ta' Basel u ta' Stokkolma,
- Il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u s-sħubijiet internazzjonali,
- Ir-relazzjonijiet bilaterali u multilaterali,
- Il-politika tal-Unjoni dwar il-Pollutanti Organiċi Persistenti fil-qafas tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma, b'diversi addittivi tal-plastik elenkti jew proposti għall-elenkar, u
- Il-politika dwar is-sustanzi kimiċi, inklużi r-restrizzjonijiet ta' REACH fuq il-mikroplastiks u fuq l-addittivi tal-plastik u l-Pjan Direzzjonali dwar ir-Restrizzjonijiet ippubblikat reċentement<sup>26</sup>, li għandu fil-mira tiegħu addittivi użati b'mod mifrux (bħar-ritardanti tal-fjammi) u l-PVC.

## **2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(3) u (4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

L-Artikolu 218(3) tat-TFUE jipprevedi li l-Kummissjoni għandha tippreżenta rrakkomandazzjonijiet tagħha lill-Kunsill, li għandu jadotta deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ tan-negożjati u li taħtar in-negożjatur tal-Unjoni. Skont l-Artikolu 218(4) tat-TFUE, il-Kunsill jiusta' jindirizza d-direttivi lin-negożjatur u għandu jaħtar kumitat speċjali li permezz ta' konsultazzjoni miegħu għandhom jiġu konklużi n-negożjati.

Il-ftehim għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u fuq il-prinċipji li għandha tittieħed azzjoni preventiva, li l-ħsara ambjentali jenħtieġ li bħala priorità tkun riflessa fissors, u dwar il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, bil-bażi speċifika li għandha titqies fi stadju aktar tard ladarba jkun hemm disponibbli aktar informazzjoni dwar l-ambitu u l-kontenut tal-ftehim internazzjonali dwar it-tniġġis mill-plastik.

- **Sussidjarjetà**

Għalkemm l-ambitu eżatt tiegħu għadu ma huwiex magħruf, il-ftehim internazzjonali previst huwa maħsub biex jindirizza t-tniġġis mill-plastik permezz ta' miżuri tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-plastik, inkluż id-disinn tal-prodott, il-produzzjoni, il-konsum, l-użu u l-ġestjoni tajba tal-iskart tal-plastik. It-taqsimiet preċedenti dwar il-qasam ta' politika u r-rabtiet ta' politika relatati tiegħu taħt il-mandat tal-Unjoni juru b'mod ċar ir-rwol ewlieni li l-Unjoni qđiet sa issa u l-adegwatezza tal-ġestjoni tan-negożjati għall-ftehim previst fil-livell tal-Unjoni.

---

<sup>25</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32019L0883&rid=1>

<sup>26</sup> <https://ec.europa.eu/docsroom/documents/49734>

Għalhekk, il-ftehim previst se jkollu impatt inevitabbi fuq l-eżerċitar tal-kompetenzi tal-Unjoni u fuq il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni f'oqsma bħal (b'mod partikolari) l-ambjent, il-kummerċ u s-suq intern, li kollha kemm huma jistgħu jsiru rilevanti hekk kif in-negozjati dwar dispożizzjonijiet spċifici jkunu għaddejjin.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u l-effett probabbli tad-dispożizzjonijiet eżistenti tal-Unjoni (b'mod partikolari dawk li jkopru l-“qasam ta’ politika” elenkat taħt l-Intestatura 1) f'oqsma differenti tal-azzjoni tal-Unjoni, huwa essenzjali li tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tal-Unjoni fin-negozjati futuri u l-ftehim internazzjonali li jirriżulta.

- **Proporzjonalità**

Dan se jkun l-ewwel ftelim multilaterali li jindirizza t-tniġġis mill-plastik b'approċċ olistiku li jkopri kemm il-parti upstream kif ukoll dik downstream taċ-ċiklu tal-ħajja tal-plastik. Diġà jeżistu diversi inizjattivi nazzjonali u reġjonali li jindirizzaw it-tniġġis mill-plastik, inkluż it-tniġġis mill-plastik fil-baħar, iżda dawn ma wrewx li jwieġbu biżżejjed għall-isfida globali tat-tniġġis mill-plastik. Il-Grupp ta’ Ħidma Miftuħ *Ad-hoc* dwar l-Iskart fil-Baħar u l-Mikroplastiks, li ġie stabbilit fit-tielet sessjoni tal-UNEA b'reazzjoni għall-UNEP/EA.3/Res.7 Skart fil-Baħar u Mikroplastiks, u li kkonkluda l-ħidma tiegħu f'Novembru 2020, identifika ftelim globali dwar il-plastiks bħala għażla ewlenija ta’ reazzjoni għall-kriżi globali. Fl-UNEA 5, ġiet adottata r-Riżoluzzjoni 5/14 “Daqshekk tniġġis mill-plastik: Lejn strument internazzjonali legalment vinkolanti”, li appellat lid-Direttur Eżekuttiv tal-UNEP biex jistabbilixxi l-INC.

Hija meħtieġa Deċiżjoni tal-Kunsill biex jiġi awtorizzat il-ftuħ tan-negozjati mill-Unjoni dwar ftelim globali dwar il-plastik sabiex jiġi indirizzat it-tniġġis mill-plastik.

Ir-rakkmandazzjoni proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi mixtieqa, f'konformità mal-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

- **Għażla tal-istrument**

L-għażla tal-istrument hija stipulata fl-Artikolu 218(3) u 218(4) tat-TFUE.

### **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Skont l-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fil-politiki tal-Unjoni jrid jiġi integrat livell għoli ta' protezzjoni ambjentali kif ukoll titjib fil-kwalità tal-ambjent, filwaqt li dawn jiġu żgurati f'konformità mal-prinċipju tal-iżvilupp sostenibbli.

Ir-rakkmandazzjoni proposta tfittex awtorizzazzjoni għall-ftuħ tan-negożjati bil-ġhan li jiġi indirizzat it-tniġġis mill-plastik, mhux biss fl-ambjenti tal-ħajnejha, iżda wkoll fuq l-art, billi jiġi indirizzat iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-plastik. Dan ikollu impatt pożittiv fuq id-dritt għall-protezzjoni tal-ambjent, kif stabbilit fl-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Skont l-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-politiki tal-Unjoni għandhom jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur.

Ir-rakkmandazzjonijiet proposti se jkollhom impatt daqstant pożittiv fuq id-dritt għall-protezzjoni tal-konsumatur billi jqisu wkoll il-parti upstream taċ-ċiklu tal-ħajja tal-plastik, jiġifieri d-disinn tal-prodott, il-produzzjoni u t-tikkettar tal-prodotti tal-plastik.

Skont l-Artikolu 3(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-integrità fīzika u mentali tiegħu.

Ir-rakkmandazzjoni proposta jkollha impatt pożittiv fuq id-dritt għall-integrità tal-persuna wkoll, peress li għandha l-ġhan ukoll li tindirizza r-riskji li t-tniġġis mill-plastik, b'mod partikolari l-mikroplastiks, qed joħloq għas-saħħa fīzika tal-bniedem.

#### **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

L-implikazzjonijiet baġitarji eżatti ta' din l-inizjattiva huma impossibbli li jiġu ddeterminati f'dan l-istadju meta wieħed iqis li l-ambitu u l-elementi ewlenin tagħha għad iridu jiġu nnegożjati fil-livell multilaterali. Se jkun hemm proċess ta' negożjati b'diversi laqgħat tal-INC sakemm issir Konferenza Diplomatika, li ma hijiex mistennija li tiġi organizzata qabel l-2024.

#### **5. ELEMENTI OĦRA**

- **Pjanijiet ta' implementazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Saret laqgħa preparatorja (Grupp ta' Ħidma Miftuħ/OEWG) dwar kwistjonijiet organizzazzjonali li għandhom x'jaqsmu mal-INC mit-30 ta' Mejju sal-1 ta' Ġunju 2022 f'Dakar, is-Senegal.

In-negożjati proprji dwar l-istruмент il-ġdid se jibdew fl-ewwel laqgħa tal-INC fit-tieni nofs tal-2022 (id-data u l-post għad iridu jiġi kkonfermati).

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Le.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-Kummissjoni tirrakkomanda li:

- Il-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ u tmexxi n-negożjati għall-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali ġdid dwar it-tniġġis mill-plastik,
- Il-Kummissjoni tinħatar bħala n-negożjatur tal-Unjoni,
- Il-Kummissjoni tmexxi n-negożjati b'konsultazzjoni mal-kumitat speċjali jekk ikun maħtur mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 218(4) tat-TFUE,
- Il-Kunsill japprova d-direttivi tan-negożjati annessi ma' din ir-rakkomandazzjoni.

Rakkmandazzjoni għal

## **DEĊIJONI TAL-KUNSILL**

**li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea għal ftehim internazzjonali  
dwar it-tniġġis mill-plastik**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkmandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Assemblea tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent fil-Ħames Sessjoni tagħha mit-28 ta' Frar sat-2 ta' Marzu 2022 adottat ir-Riżoluzzjoni “Daqshekk tniġġis mill-plastik: lejn strument internazzjonali legalment vinkolanti” (5/14) li tistabbilixxi kumitat intergovernattiv tan-negozjar biex jinnejgo ftehim internazzjonali ġdid li jindirizza t-tniġġis mill-plastik, inkluż fl-ambjenti tal-baħar, bil-għan li jiġi indirizzat iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-plastik.
- (2) L-Unjoni jenħtieġ li tipparteċipa fin-negozjati dwar tali konvenzjoni, ftehim jew strument internazzjonali ieħor,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

### *Artikolu 1*

Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tinnegozja f'isem l-Unjoni ftehim internazzjonali dwar il-plastik biex jinġieb fi tmiemu t-tniġġis mill-plastik kif stabbilit fir-Riżoluzzjoni 5/14 tal-UNEA-5.2.

### *Artikolu 2*

Id-direttivi tan-negozjati huma stabbiliti fl-Anness.

### *Artikolu 3*

In-negozjati għandhom isiru b'konsultazzjoni ma' [isem il-kumitat speċjali li għandu jiddaħħal mill-Kunsill].

### *Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*